MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Numru. 1069/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Patrick Mula, iben Parick u Maria nee` Gauci mwieled l-Pieta` nhar il-05 ta' Jannar 1990 u residenti gewwa 'Riviera', Triq Caravaggio, Gharghur u detentur tal-karta tal-identita` no:-50990(M);**

**Daniel Spiteri, iben Anthony u Joanne nee` Micallef imwieled Pieta` nhar it-03 ta' Awissu 1993 u residenti gewwa No:  102, Triq l-Indipendenza, Gharghur u detentur tal-karta' ta' l-identita` No:  0346393(M);**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati Patrick Mula u Daniel Spiteri li huma akkuzati talli nhar it-22 ta’ Awissu, 2010, ghall-habta ta’ 01.00 hrs gewwa, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqeghdu il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Justin Mifsud skond kif iccertifikat Dr. Anna Grushenko Reg. No. 5301 ta’ l-Isptar Mater Dei.

2. Hebbew ghall-Justin Mifsud sabiex jignurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara.

3. Kisru l-bon ordni pubbliku b’ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni gew rijaffermati wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati w il-fedina penali nadifa taghhom u l-fatt illi l-griehi sofferti mill-parte leza ghalkemm gew ikklassifikati bhala ta’ natura gravi izda mic-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax illi dawn huma xi griehi serji.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b), 339(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 448 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehro fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed torbot lill-hatj b'garanzija kull wiehed fil-konfront ta' Charles Sciberras u Sabrina Zammit ta' hames mitt euro (€500) u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------